MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Numru. 718/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Anna Marie Micallef**
**vs**
**Alan Agius**
**Agostino Agius**

Il-Qorti,

Rat li l-imputati Alan Agius ta’ 35 sena, bin Agostino u Monica nee’ Galea, imwieled Sliema nhar it-13 ta’ Jannar 1971 u residenti 18, Triq Ghar il-Lembi, Sliema u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 69471(M) u l-imputat Agostino Agius ta’ 66 sena, bin il-mejta Oscar u Lilian nee’ Naudi, imwieled Luqa nhar l-10 ta’ Jannar 1940 u residenti 18 Triq Ghar il-Lembi, Sliema u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 117740(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli;

Nhar il-Hadd fit-23 ta’ Lulju 2006, ghal habta ta’ 4:00 ta’ fil-ghodu, gewwa il-MidNight Cowboy Triq Ghar Lembi Sliema kkagunaw ferita ta’ natura gravi li ggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew difett permanenti f’parti ta’ l-ghamla tal-gisem (widnejh) fuq il-persuna ta’ Simon Spiteri mil-Belt Valletta.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq l-istess persuna ta’ Simon Spiteri.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kisru l-paci pubblika b’ghajjat, glied u storbju iehor.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-11 ta’ Dicembru 2006 (inserita a fol. 132 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) fl-artikoli 218, 216, 221, 338(dd), 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat li l-imputati waqt l-udjenza tal-24 ta’ Marzu 2010 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw glieda li allegatament sehhet fit-23 ta’ Lulju 2006 ghall-habta tal-4.00am fin-nightclub bl-isem ta’ Midnight Cowboy li jinsab fi Triq Ghar il-Lembi, tas-Sliema fejn allegatament sofra griehi ta’ natura gravi certu Simon Spiteri li kien qed jahdem bhala bouncer fl-imsemmi stabbiliment fejn il-Prosekuzzjoni qed tallega li dawn il-griehi gew kagunati mill-imputati Alan u Agostino Agius.

Ikkunsidrat:

Illi Simon Spiteri xehed f'zewg okkazzjonijiet f'dawn il-proceduri, darba waqt l-udjenza tat-18 t'Awwissu, 2006 u t-tieni darba waqt l-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2010. Fl-ewwel okkazzjoni li xehed, Simon Spiteri qal li fid-data, lok u hin imsemmija aktar il'fuq huwa kien qed ikellem lil sid in-nightclub meta ra l-bozza li tindika li kien hemm xi hadd irid jidhol tixghel u meta huwa mar sabiex jiftah l-ewwel bieb sema' l-hgiega tat-tieni bieb tinkiser u sab lill-imputat Alan Agius hdejn il-bieb u dan staqsih sabiex ikellem lill-propjetarju tal-club u qallu li ried jghidlu sabiex ibaxxi l-volum tal-muzika. Spiteri qal li Agius imbuttah, argumenta ftit, qaleb il-cash register u tela' l'fuq. Huwa spjega li s-sid infurmah li kienu gejjin il-Pulizija fuq il-post ghaliex kien lahaq cemplilhom u sakemm huwa kien qed jigbor il-hgieg rega' nizel l-imputat Alan Agius din id-darba akkompanjat mill-imputat l-iehor Agostino Agius fejn dawn nizlu jigru ghalih, il-missier Agostino Agius beda' jzommu filwaqt li t-tifel Alan Agius beda' jsawtu, fejn gidimlu widnejh u mbaghad gew il-Pulizija fuq il-post. Meta xehed it-tieni darba, Spiteri biddel sostanzjalment il-verzjoni tal-fatti fejn din id-darba m'eskludiex li seta' kellu ashtray f'idejh meta avvicina lil Alan Agius. Huwa qal ukoll li meta gie Alan Agius huwa kien qed jipprova ikecci l'barra xi klijenti barranin li kellhom argument ma' xi tfajliet li kienu jahdmu fil-post. Huwa qal ukoll li l-argument mal-imputati Agius kien bil-fomm izda mbaghad gew fl-idejn u qal li ma jeskludix li huwa beda' jissawwat minn wiehed mill-barranin li kien ghadu kemm prova jitfa' l'barra mill-istabbiliment u ma' eskludiex li kien dan li fil-fatt gidimlu widnejh. Waqt l-udjenza tal-25 t'April, 2008 Simon Spiteri irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputati.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri gew esebiti tlett certifikati medici rilaxxjati minn tlett tobba differenti rigwardanti l-griehi allegatament sofferti minn Simon Spiteri. Fi tnejn minnhom il-griehi gew klassifikati bhala ta' natura hafifa filwaqt li f'wiehed minnhom il-griehi gew klassifikati bhala ta' natura gravi. Id-Difiza ssostni li una volta li jezisti dan il-

kunflitt dan ghandu jimmilita favur l-imputati u l-griehi ghandhom ghalhekk jigu ritenuti bhala ta’ natura hafifa u jsegwi ghalhekk li l-procediment ghandu jigi ritenut bhala ezawrit in vista tal-fatt li l-allegat vittma Simon Spiteri rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputati. Il-Qorti izda jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li n-natura tal-griehi sofferti minn Spiteri kienet gravi u dan mhux biss permezz tac-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Reuben Grima liema certifikat gie debitament konfermat bil-gurament mill-istess Dr. Grima, izda dan jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-istess Simon Spiteri li spjega li kellu parti zghira minn widnejh li giet maqtugha minn min gidimlu l-istess widna u din it-tip ta’ gerha hija per natura gravi ai termini tal-Artikolu 216 u 218 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Alan Agius ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-9 ta’ Gunju, 2011 fejn huwa kkonferma l-kontenut tal-istqarrjia minnu rilaxxjata fil-25 ta’ Lulju, 2006[1] u fejn huwa spjega li kien joqghod flimkien mal-genituri tieghu fid-dar biswit in-nightclub Midnight Cowboy u qal li ghall-habta tal-4.00am tal-gurnata li tifforma l-mertu tal-kawza de quo ma’ setghax jorqod minhabba l-istorbju u muzika b’volum gholi gej mill-imsemmi nightclub li huwa jiddefinixxi bhal speci ta’ gentleman’s club u huwa ghalhekk nizel sabiex jghidilhom ibaxxu l-muzika. Huwa jghid li habbat fuq il-bieb tal-hgieg bl-herra u jista’ jkun li ghal din ir-raguni inkisret il-hgiega u spjega li gie jilqghu Simon Spiteri u meta qallu li xtaq ikellem lis-sid dan irrispondih li ma setghax jidhol ikellmu u qabad ashtray u beda’ jxejjirha lejh. Alan Agius jghid li huwa tela’ t-tarag fejn cempel lil ommu sabiex din tibghat ghall-Pulizija. Agius jghid li huwa rega’ nizel it-tarag fejn Spiteri, rega’ beda’ jxejjer l-ashtray lejh u huwa beda’ jilqalu u bdew jiggieldu fejn Agius spicca mal-art b’Spiteri fuqu. Huwa qal ukoll li f’dak il-mument gie ragel barrani li qala’ lil Spiteri minn fuqu u beda’ jaghtih ukoll. Alan Agius jghid li mbaghad gie missieru Agostino Agius li qala’ lil Spiteri

[1] **Inserita a fol. 9 u 10 tal-atti processwali**.

minn fuqu u r-ragel barrani telaq il'barra. Alan Agius cahad li huwa kien gidem widnejn Spiteri. L-imputat Agostino Agius li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta' Dicembru, 2011 ta l-istess verzjoni tal-fatti moghtija minn ibnu Alan Agius. Il-verzjoni tal-fatti moghtija miz-zewg imputati giet korroborata mix-xhieda ta' Nicky Agius, bint Agostino u oht Alan, li xehdet waqt l-udjenza tat-28 ta' Marzu, 2012.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ma' taqbilx mas-sottomissjoni maghmula mid-Difiza rigward l-inammissibilita' tax-xhieda moghtija minn Simon Spiteri meta xehed waqt l-udjenza tat-18 t'Awwissu, 2006 fejn id-Difiza tirritjeni li stante li kien hemm bdil fil-gudikant wara li nstemghat din ix-xhieda u d-Difiza m'ezentatx lil din il-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma' x-xhieda ta' Simon Spiteri, din ix-xhieda mhux ammisibbli. Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza tat-30 ta' Marzu, 2012 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Emanuel Debrincat' u tirritjeni li tali ezenzjoni m'hijiex necessarja meta jkun hemm bdil fil-gudikant u ghalhekk ix-xhieda moghtija minn Simon Spiteri fit-18 t'Awwissu, 2006 qed tigi ritenuta bhala ammissibbli. Stabbilit dan il-punt izda din il-Qorti jidrilha li meta xehed in kontro-ezami Simon Spiteri fejn huwa ta verzjoni differenti tal-fatti u f'hafna istanzi kkorrobora dak li dejjem sostnew l-imputati, inholoq kunflitt fil-provi liema kunflitt certament ghandu jimmilita favur l-imputati. Il-Qorti jidrilha li l-imputati Agius irnexxilhom jippruvaw sal-grad tal-probabbli li Alan Agius agixxa in legittima difesa meta gie attakkat minn Spiteri bl-ashtray u li l-griehi ta' natura gravi lilu kagunati setghu gew hekk kagunati mhux minnhom izda minn terza persuna barranija skond kif del resto ma' jeskludix li seta' gara l-istess Spiteri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati Agostino u Alan Agius mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------